MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 7/2003

**Citadel Insurance p.l.c. kif tinstab surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Vella, u l-istess Joseph Vella**

**vs**

**Louis Vella**
**u b'digriet tas-27 ta' Frar 2003 il-kunjom gie mibdul ghal 'Farrugia'**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi filwaqt li l-attur Joseph Vella kien qieghed isuq il-vettura Kia Avella Nru HAC 032 gewwa Triq Kennedy Drive fid-direzzjoni tas-Salini, sehhet kollizjoni mal-karozza BDA 439 propjeta' ta' Lawrence Grima u misjuqa minn Louis Farrugia, ghall liema kollizzjoni il-konvenut Louis Grima huwa unikament responsabbli;

Ghaldaqstant, dana t-Tribunal qieghed jigi mitlub sabiex tikkundanna lill Louis Farrugia ihallas is-somma ta' Lm351.56 lis-socjeta' Citadel Insurance p.l.c. u is-somma ta' Lm25 lill Joseph Vella, li komplessivament jaghmlu s-somma ta' Lm376.56.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10), tal-ittra bonarja mibghuta lilek fit-22 ta' Jannar 2002 (Lm6.85), tal-ittra ufficjali datata Marzu 2002 (Lm20.85) u tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma' dana l-avviz a tenur tad-disposizzjonijiet tal-kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

Inti ingunt ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta tal-konvenut:

"Illi fl-ewwel lok, kemm isem l-esponenti, kif ukoll in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tal-esponenti huma indikati hazin. L-esponenti kunjomu Farrugia u mhux Vella, filwaqt illi l-numru ta' registrazzjoni ghandu jaqra DBA439.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex il-fatti huma totalment differenti minn dawk elenkati mill-istess attrici. Ma kienx l-esponenti illi holoq l-incident in kwistjoni imma kienu l-atturi illi habat mal-vettura tal-esponenti.

Illi fil-fatt, l-esponenti kien ghaddej fuq il-lane ta' gewwa, waqt illi l-attur kien ghaddej fuq il-lane ta' barra fi triq Kennedy Grove fid-direzzjoni tas-Sliema. Fil-parti fejn it-triq tidjieq, l-attur minflok ma ssorpassa jew naqqas il-velocita' biex jaqa' wara l-vettura tal-konvenut, rekken fuq il-vettura tal-konvenut bil-konsegwenza illi habat mar-rota ta' wara tal-vettura tal-esponenti, bin-naha ta' quddiem tal-vettura tal-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

Illi l-fatti tal-kawza huma dawn:

Meta saret il-habta, iz-zewg vetturi nvoluti kienu qeghdin jinstaqu gewwa Triq Kennedy Drive fid-direzzjoni tas-Salini. F'xi hin qabel il-habta z-zewg vetturi kienu waqfu fit-traffic lights, imbaghad telqu mit-traffic lights fejn hemm zewg karreggjati. Il-konvenut kien qieghed isuq trakk fil-karreggjata ta' gewwa; filwaqt li l-attur kien qieghed isuq karozza fil-lane ta' barra. Il-habta saret bejn wiehed u iehor fejn iz-zewg karreggjati jsiru karreggjata wahda u cioe'distanza konsiderevoli – iktar minn 60 metru 'l boghod mit-traffic lights. Il-habta kienet wahda zghira, fis-sens li l-vetturi bilkemm missew ma' xulxin. Dan jidher mill-hsara li fil-karozza tal-attur kienet fil-mudguard ta' uddiem, il-hubcup tar-rota ta' quddiem xellugija, u l-mera tal-bieb tax-xellug. Jirrizulta li l-habta saret bejn il-kantuniera xellugija ta' quddiem tal-karozza tal-attur u r-rota ta' wara tat-trakk tal-konvenut. It-trakk kull ma kellu kienet girfa fit-tyre warrani.

Skond ma stqarr il-konvenut *a tempo vergine* (fol 11) induna bil-habta ghax sema' hoss u waqaf biex jara x'kien gara. Meta l-attur qallu li kien habat mieghu, sostna li kien cert li ma kien laqat lil hadd.

Min-naha tieghu, l-attur, *a tempo vergine* stqarr li meta sehhet il-habta il-konvenut kien qieghed jissorpassah mill-karreggjata ta' gewwa. Fid-deposizzjoni tieghu (fol 34 et seq) huwa qal li kien l-ewwel wiehed fit-traffic lights, fejn iz-zewg vetturi nvoluti kienu magemb xulxin. Ikkonferma dak li qal *a tempo vergine* fis-sens li kien huwa l-ewwel li qala' minn fuq it-traffic lights u li l-konvenut kien meta sehhet il-habta qieghed jissorpassah mill-karreggjata ta' gewwa. Din il-verzjoni hija wkoll ikkorroborata minn stqarrija ta' Catherine Anastasi (mhux mahlufa, ara fol 16), u deposizzjoni tal-istess Anastasi (fol 39 et seq) li kienet passiggier mal-attur riekba quddiem,

fit-traffic lights il-karozza u t-trakk kienu l-ewwel u magemb xulxin, meta xeghel id-dawl l-ahdar il-karozza bdiet miexja qabel it-trakk, izda iktar tard, cioe meta sehhet il-habta, it-trakk kien qieghed jissorpassa lill-karozza mill-karreggjata ta' gewwa. Anke l-istess konvenut fir-risposta tieghu (fol 23) jammetti li ghamel il-manuvra ta' sorpass. B'danakollu, fid-deposizzjoni tieghu il-konvenut biddel kemmxejn il-verzjoni precedenti tieghu ghax qal li l-vettura tal-attur qatt ma kienet quddiemu jew magembu – *dejjem warajja kienet (fol 27)*. Qal li fit-traffic lights kien l-ewwel wiehed, izda mhux ukoll il-vettura tal-attur.

Il-provi ma jhallu l-ebda dubbju li l-konvenut kien isuq wara l-attur; u li l-habta sehhet hekk kif kien qieghed jissorpassa lill-attur min-naha tax-xellug. Issa, salv xi eccezzjonijiet, li ma jirrizultawx f'dan il-kaz (ara paragrafi 182 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq, 2001) sewwieq m'ghandux jaqla' fejn it-triq tidjieq (para 185 ibid) u ghandu jaqla' minn fuq in-naha tal-lemin (para 182 ibid., kif ukoll Regolament 75 tal-A.L. 128 tal-1994). Il-konvenut bil-manuvra li ghamel kiser simultanjament zewg regoli prudenzjali tas-sewqan u t-Tribunal huwa moralment konvint li din il-manuvra kienet il-kawza prossima wahdanija tal-incident.

Mhux accettabbli l-argument tal-abbli avukat difensur tal-konvenut li l-attur messu naqqas il-velocita' tieghu hekk kif it-trakk issorpassah. Dan kien ikun forsi argument validu kieku t-trakk issorpassah min-naha tal-lemin kif suppost u cioe' minn fejn seta' (a) jistenna li jkun hemm xi hadd qieghed jissorpassah skond il-ligi u (b) minn fejn is-sewwieq jista'jara l-manuvra ta' surpass tal-vettura l-ohra b'iktar facilita'; jew fl-ipotesi li l-manuvra tas-sorpass kien qieghed jaghmilha l-attur.

Ghalkemm fejn sehh l-incident hemm zewg *lanes* li jsiru karreggjata wahda, ma jfissirx li ma hemm l-ebda regola ta'precedenza. Ma jridx jintnesa li wara kollox, l-attur kien qieghed fuq il-*fast lane*, filwaqt li l-konvenut kien fuq is-*slow lane*. Barra minn dan, anke jekk jista' jkun illi, fl-ipotesi li kieku l-attur naqqas mill-velocita' seta' talvolta

jigi evitat dan l-incident, b'danakollu dan l-anqas jista' jservi biex jitfa' xi htija fuq l-attur ghax kienet il-manuvra imprudenti tal-konvenut li holqot l-emergenza li hasdet lill-attur li irreagixxa – jew naqas li jirreagixxi – tajjeb, inqas tajjeb jew hazin f'dak li l-imhallef William Harding darba ddeskriva grafikament bhala l-**orgazmu tal-kollizjoni** u dak li l-pratici Inglizi jsejjhu *the agony of the collision*.

Il-*quantum* tad-danni ma gewx ikkontestati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident; u konsegwentement jichad l-eccezzjonijiet tieghu; jilqa' t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM376.56 ammont ta' danni sofferti mill-attur bl-ispejjez kif indikati fl-avviz tat-talba minbarra dawk tal-konsult u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali ta' Marzu 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------